# Laqgħa Urġenti tal-Kunsill Lokali Marsa

**Minuti**

**L-Għaxar Leġislatura**

Laqgħa numru 36

5.30 pm 5 ta'Mejju 2026

Preżenti

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Luke Farrugia** | **Sindku** |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |
| Is- Sur Joseph Cachia | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Josef Azzopardi** | **Viċi Sindku** |
| Is-Sur Joseph Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |

**Ufficċjal Preżenti**

Robert Buhagiar - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Is-Sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-Ħamsa u nofs ta' filgħaxija (17:30).**

**36.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Josef Azzopardi** | **Viċi Sindku** |
| Is-Sur Joseph Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |

**36.2 SPI.SCI.02.2026 – Finanzjament Lokalitajiet aktar nodfa 2026 (data ta' l-għeluq il-ġimgħa 8 ta' Mejju 2026;**

Is-Sindku, Sur Luke Farrugia, ressaq għad-diskussjoni u għall-approvazzjoni tal-Kunsill id-dettalji kollha relatati mal-inizjattiva "Clean Up Day", kif imniżżla hawn taħt. Il-Kunsill ser ikun qiegħed japplika għal din l-iskema, li tagħlaq fit-8 ta' Mejju 2026.

Il-postijiet fejn ser isir it-tindif huma: Triq Ċentru Ewkaristiku, Triq San Bernard, Ġnien 6 ta' Awwissu, u l-Ġnien ta' ħdejn il-Housing Area fi Triq Xemxija.

Is-Sindku ppropona li l-attivita' għal Clean Up Day issir nhar is-Sibt 19 ta' Settembru 2026.

Għal din l-attività, il-Kunsill ser ikun qiegħed jixtri bins, materjal tat-tindif, jikri skips, kif ukoll jipprovdi materjal promozzjonali.

Il-Kunsill ser jinvolvi lill-għaqdiet tal-lokal, l-iscouts, ir-residenti u l-NGOs.

Il-Kunsilliera Gloria Aquilina ipproponiet li jiġu infurmati u involuti wkoll it-tfal tal-iskejjel tal-lokalità.

Il-Kunsillier Joseph Cachia ssekonda.

Wara, is-Sindku ressaq din l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Luke Farrugia | Robert Buhagiar |
| Sindku | Agent Segretarju Eżekuttiv |